# Il-Ħadd 17.04.2022

1. Illum 17/04, **l-Għid il-Kbir**:
   - F'ismi, f'isem is-saċerdoti li jgħinnu fil-parroċċa,
     u f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali nagħtikom l-**Għid it-Tajjeb**,
     u nirringrazzja lil dawk kollha li kienu involuti fl-organizzazzjoni
     ta' dawn il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid,
     li jirrikjedu ħafna xogħol mill-qalb u b'mod volontarju.
     Wasslu l-awgurju lill-familjari u l-qraba kollha.
   - Il-ħin tal-Quddies ikun:-
     - Fis-6:45am - Quddiesa
     - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Figolli.
     - Fl-10:30am - Isir it-Tberik tal-Każin San Pawl, tal-Każin PN u tal-Każin PL,
       u tal-Kunvent tas-Sorijiet.
     - Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar.

2. Mit-Tnejn 18/04 sas-Sibt 23/04:
   - Matul din il-ġimgħa, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.

3. Il-Ħamis 21/04:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 23/04:
   - Fis-7:30pm - Serata tal-Għoti tal-Premju Onorifiċenza Ħal Safi,
     fis-sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali.

5. Il-Ħadd 24/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina** - **JUM ĦAL SAFI**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa ta' ringrazzjament mal-Kunsill Lokali
     *(Mhux fid-9am)* u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u r-raħal tagħna.
     Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill.
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni; u
   - Fis-6:00pm - Quddiesa.

6. Kif tistgħu taraw, mal-Altar Maġġur u mal-Altar tal-Kor qed jiżżanżnu 2 frames ta' Ventaltari antiki li ġew ikkonservati u ndurati mill-ġdid biex jibdew jintużaw fil-festi liturġiċi, flimkien mad-drapp għalihom, u dan grazzi għad-donazzjonijiet li tagħtu b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 150 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
   - € 138 mill-Karus ta' Mħabba b'risq id-Dar tal-Provvidenza
     li ġie ppreżentat mit-Tfal tad-Duttrina;
   - € 15 bħala donazzjonijiet b'risq il-poplu tal-Ukrajna;
   - € 50 bħala donazzjonijiet għall-fjuri tad-Duluri u s-Sepulkru.
   - € 120 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 375 mil-lotterija b'risq l-istess għan;

   Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief
   fejn is-**Sanitizing Points**. Grazzi.